MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 24 – 4 Leġiżlatura**

**Il-Ħamis 09 ta' Novembru 2023**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv fi 28 Ċentru Parrokkjali, Triq San Edwardu, Ħal Qormi, u b'mod virtwali fil-5.30 pm.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Viċi President/ Sindku Gudja | Dr Marija Sara Vella Gafa |
| Sindku Marsaxlokk | Is-Sur Steven Grech |
| Sindku Ħal-Għaxaq | Is-Sur Darren Abela |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

| | |
|---|---|
| Sindku Żejtun | Sa. Doris Abela |
| Sindku Marsaskala | Chev. Mario Calleja |
| Sindku Ħal-Qormi | Nutar Josef Masini Vento |
| Sindku B'Buġia | Is-Sur Scott Camilleri |
| Sindku Marsa | Is-Sur Josef Azzopardi |
| Sindku tal-Ħamrun | Is-Sur Christian Sammut |
| Sindku Santa Luċija | Kapt. Charmaine St John |
| Kunsilliera Ħal-Luqa | Is-Sinjura Maria Magri |

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Sa. Mariella Strout | Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

Il-President is-Sur Jesmond Aquilina jippresjedi din il-laqgħa.

**24.1** **Qari tal-Ittri ta' Apoloġija;**

24.1.1 Il-President informa li Kunsill irċieva ittra ta' apoloġija mingħand Sindku Stephen Sultana fejn spjega li ma setgħax jattendu.

**24.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

24.2.1 Il-President ressaq il-Minuti ta' Laqgħa wieħed u għoxrin (23) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġislatura, li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

24.2.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Darren Abela u s-sekondat mis-Sindku Steven Grech , il-membri tal-Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu l-Minuti msemmija.

24.2.3 **Kunsiderazzjoni mill- Minuti**

**Ftehim wieħed mal-Fondazzjoni ta' Naħal**

Il-President għamel referenza għal korrispondenza li l-Kunsilli u Kunsill Reġjonali irċieva mingħand il-Fondazzjoni ta' Naħla Maltija u li ġiet diskussa waqt il -laqgħa numru 23. Il-President staqsa jekk il- Kunsilli li għadhom ma iffirmaw il-ftehim jixtiequ li jsir ftehim wieħed.

Kien hemm qbil.

**Korsijiet fuq l-operat ta' amministrazzjoni tal-Kunsilli**

Il-President informa li kien hemm konkorrenza sostanzjali għal kors li ħadem fuqu ir-Reġjun- Award in Office Administration MVQ 4. Huwa tenna li 3 impjegati min ta' Regjun kienu ser jigradwaw permezz tal-kors li studjaw li kien imexxi mill IDEA Academy.

**Valutazzjoni ta' l-Impatt Soċjali -Residenti Barranin**

Il-President informa li saret talba min riċerkaturi ta' l-Valutazzjoni Impatt Soċjali li jekk hemm Sindki li għandhom kuntatti mal-gruppi jew leaders ta' kommunitajiet fil-lokalita tagħhom jagħdulhom l-informazzjoni sabiex titkompla ir-riċerka fuq ir-residenti barranin li joqgħodu fir-Reġjun.

**24.3 Komunikazzjoni mill-President;**

24.3.1 **Kommunikat min l-IPSL**

Il-President informa li Regjun ir-rċieva mingħand l-IPSL li Kunsill ta' Marsaxlokk għamel talba sabiex wieħed mill-ħaddiema tal-manutenzjoni li kien assenjat ma Reġjun jiġi assenjat mal-Kunsill ta' Marsaxlokk. Is-Sindku ta' Marsaxlokk sostna li kien l-istess ħaddiem li talab biex immur mal-Kunsill ta' Marsaxlokk. Il-President tenna li l-kommunikazzjoni kienet tindika kif informa. Kien hemm qbil li din it-talba tiġi milqugħa.

24.3.2 **Manutenzjoni tal-Ġwiebi u Sistemi t'irrigazzjoni**

Il-President informa li Kunsill Reġjonali ressaqna t-talba tagħna lill-Entita' Governattiva Project Green sabiex jitwettaq proġett li permezz tiegħu jkun offrut lill-kunsilli Lokali. Dan il-proġett jinvolvi l-identifikazzjoni ta' dawk il-ġwiebi eżistenti li fil-preżent jinsabu inoperattivi fil-ġonna rispettivi f'kull Lokalita'. Dawn il-ġwiebi huma kunsidrati bħala riżorsa importanti ħafna b'mod partikolari dawk li jistgħu jilqgħu fihom l-ilma tax-xita li sfortunatament kulma jmur dejjem qed isir skars ħafna. Għaldaqstant nemmnu li din ir-riżorsa għandha tkun protetta bl-aħjar mod u b'inizzjattivi ta' din ix-xorta nkunu qegħdin nassiguraw li dan l-ilma naturali ma jintilifx kif ukoll li jkun utilizzat bl-aħjar mod permezz ta' sistemi t'irrigazzjoni li eventwalment jistgħu jsiru f'ġonna diversi.

Min naħa tagħhom Project Green qablu ma din inizjattiva tajba u tidħol tajjeb mal-pjanijiet u l- vizjoni ta' Project Green fejn tidħol l-infrastruttura ħadra. Għal daqstant, Project Green ħa tkun qed tistenna proposta ħolistika għal Malta kollha fejn ikun identifikat:

1. Il-catchment area ta' l-ilma tax-xita li jkun qed jilqa kull gibjun
2. Rapport fuq kull gibjun fejn juri l-kundizzjoni prezenti
3. Stima ta xoghol li jrid isir fuq kull ġibjun
4. Jekk fil-prezent teztiztix konnessjoni ma sistema/i ta' irrigazzjoni.

Il-President tenna li din l-inizjativa kienu qed jieħdu ħsieba il-Maniġer responsabli mill-Proġetti u Maniġer responsabli mill Ambjent. Il-Kunsill qabel ma din l-inizajttiva

24.3.3 **Proġett li ser jagħqad l-attivitajiet tal-Milied madwar ir-Reġjun permezz ta' transport**

Il-President informa illi ser issir proġett matul iż-żmien tal-Milied fejn ser ikun hemm transport min lokalita għal oħra sabiex ir-residenti ikunu jistaw igawdu iktar l-attivitajiet li qed jiġu organizzati. Huwa maħsub illi dan il-proġett transport Ħolqa issir f' 16 ta Diċembru 2023. Madanakollu il-Kunsill huma mħeġġa jorganizzaw transport min lokalita għal oħra meta jkun hemm attivitá. Dan il-proġett huwa marbut ma Sena ta' Reġjun Kulturali u ser jiġi finanzjat min dan il-fond.

24.3.4 **Tnedija tal- eBook – Religious Heritage Chapels of the South**

Il-President informa li it- tnedija tal-ktieb diġitali -eBook Religious Heritage Chapels of the South ser issir nhar it-tlieta 5 ta' Diċembru fil-Kappella il-Qadima ta' San Bastjan. Huwa ħeġġeġ il-Kunsilli partners fil-proġett sabiex jattendu.

24.3.5 **Attivitajiet madwar ir-Reġjun b'rabta ma Sena Reġjun Kulturali**

President fakkar li l-attivitajiet fil il-Gudja, Ħal-Qormi u Ħal-Luqa. Hemm ukoll Malta International Organ Festival. Dan il-Festival kien ser issir f'erbgħa lokalitajiet madwar ir-Reġjun. Il-kunċerti ser jitellaw nhar 24 ta' Novembru fil-Kappella ta' Bir Miftuħ il-Gudja, 28 ta' Novembru fl-knisja ta' Santa Marija Ħal-Għaxaq,2 ta' Diċembru fl-knisja dedikata lil-Madonna ta' Pompej Marsaxlokk u fl-5ta' Diċembru fil-kappella ta' San Bastjan Ħal-Qormi. President tenna li ser issir ukoll l-attivita tal-għeluq ta' sena kulturali fl-1 ta' Diċembru. Huwa stieden lil kullħadd sabiex jattendi għal din l-attivita b'kultura Maltija u divertiment.

**24.4** **Ingaġġ ta' Uffiċjal Maniġerjali responsabbli mill immaniġġjar ta' l-iskart**

Il-President informa li kif kien indikat fl-aħħar laqgħa il-kandidat li applika sabiex jimtela rwol ta' Uffiċjal Maniġerjali fl-Immaniġġjar ta' l-iskart nhar it-Tnejn 23 ta' Ottubru 2023 ġie imsejjaħ sabiex jattendi għal intervista. Wara li sarulu diversi mistoqsijiet mill-membri tal-Bord, Il-Bord għadda sabiex jevalwa ir-risposti ta' s-Sur Konrad Micallef fejn ġie kkonkluz li Sur Micallef kien jikwalifika għal post vakanti skont issejjħa u b'hekk kien qed jirrekomandaħ lil Kunsill għal approvazzjoni.

Il-Kunsill qabel ma rakomandazzjoni u approva l-ingaġġ ta' Sur Micallef.

**24.5** **Ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv**

Il-President informa li bħala li kien irċeva korrispondenza mingħand id-Divizjoni għal Gvern Lokali fejn irreferiet għas-sejħa għall-applikazzjonijiet biex jimtela' l-post battal ta' Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar. L-ittra indikat kif ġej:

*Wara li saru l-intervisti lill-kandidati kollha skont kif meħtieġ mill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, kien hemm kandidata waħda li ġiet misjuba idonea u li indikat il-kunsill reġjonali tagħkom bħala l-ewwel preferenza. Peress li l-għażla tas-Segretarju Eżekuttiv hi waħda li trid tiġi maqbula mill-Kunsill Reġjonali li jkollu tali post battal, qiegħed għalhekk ngħaddilek id-dettalji tal-kandidata li għaddiet mill-ewwel fażi, sabiex il-Kunsill tiegħek jagħmel l-għażla tiegħu dwar il-persuna sabiex timla' l-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsill tagħkom. Id-dettalji tal-kandidata huma kif ġej: Isem: Mariella (Mary Helena) Strout. Peress li din hi l-unika kandidata misjuba idonea li għażlet il-*

*Kunsill Reġjonali tagħkom m'hemmx il-ħtieġa li ssir intervista, iżda l-kandidatura għandha tkun diskussa u approvata jew le mill-Kunsill. Il-Kunsill għandu jagħlaq il-proċess sa mhux aktar minn erba' (4) ġimgħat mid-data ta' din il-komunikazzjoni. Nitolbok tinfurmani minnufih wara li ssir l-evalwazzjoni mill-Kunsill Reġjonali.*

Il-Kunsill id-iddiskuta u evalwa il-kandidatura ta' Sinjura Mariella Strout u għada għal approvazzjoni. Kien hemm qbil illi Sinjura Mariella Strout tinħatar Segretarju Eżekuttiv ta' Reġjun tan-Nofsinhar.

**24.6 Proġett pilota ta' social auditing ħidma favur l-integrazzjoni l- inklużjoni fil-komunità**

Il-President informa li saret talba mil- Aġenzija tal- Kommunita u Servizzi Terapewtiċi li hija ukoll **Project Leader - Ħiliet il-Komunita' - ERDF.06.996/4**, sabiex data u riċerka li kienet ingabret waqt il-Valutazzjoni ta' l-Impatt Soċjali li għamel ir-Reġjun, tkun tista tintuza għal riċerka li qed issir mill-Agenzija.

Referenza tal-Proġett EMP 163: *"Ser naħdmu biex ikun hemm iktar sinerġija fil-qasam soċjali, speċjalment fl-għoti ta' servizzi offruti mill-kunsilli lokali, iċ-Ċentri LEAP, il-Knisja u l-għaqdiet volontarji fil-lokalitajiet. Għal dan il-għan ser inwettqu proġett pilota ta' social auditing f'numru ta' lokalitajiet sabiex issir ħidma favur l-integrazzjoni u l-inklużjoni fil-komunità."*

Kien hemm qbil sabiex jingħata l-aċċess mitlub

**24.7 Skeda ta' Pagamenti;**

24.7.1 Il-President ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 10/23A-1 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

24.7.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Steven Grech u sekondat il-Viċi President Marija Sara Vella Gafa il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija

**24.8 Rapporti**

24.8.1 **Rapport finanzjarju Q3**

Il-President ressaq il-Quartertly Financial Report għall-perjodu minn Lulju sa Settembru 2023 li ġie ċ-ċirkolat minn qabel il-laqgħa u għaldaqstant ġie kunsidrat bħala moqri. L-Accountant tal-Kunsill Reġjonali kien mistieden għal-laqgħa fejn ta' spjega ir-Rapport preżentat. L-accountant ġie mistoqsi sabiex jagħti stampa ta' sitwazzjoni finanzjarja fl-aħħar ta' sena minħabba l-iskart. Huwa spjega li kif jidher mill-kalkoli ta' issa ir-Reġjun ser ikun 150,000 defiċit marbuta ma l-pagamenti tal-iskart.

Fuq mozzjoni mressqa Viċi President Marija u s-sekondati mis-Sindku Josef Masini Vento il-membri kollha preżenti approvaw l-Quarterly Financial Report April -Ġunju 2023 b'mod unanimu.

**24.8 Affarijiet Oħra**

24.8.1 Waqt il-laqgħa tqajmet diskussjoni dwar il-ħlasijiet tal -iskart f'dwal li hemm xi Kunsilli qed isostnu li l-accounts tagħhom qed jidhru b'defiċit minħabba li kien hemm nuqqas f'tranche relatat ma l-iskart. Il-President spjega il-mod ta' kif qed jiġu mqassmin il fatturi u fakkar li hemm ħlasijiet li jridu jitħallas lura lil Kunsilli relatat ma l-iskart riċiklat.

**24.9 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;**

24.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-19.00 u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 06 ta' Diċembru2023 fil-5.30 pm.

Konfermati llum __06 ta' Diċembru 2023 ____________________

Jesmond Aquilina

President

Mariella Strout

Aġent Segretarju Eżekuttiv